**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 102/2013**

**Illum: 30 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**OMISSIS**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Omissis

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Mejju 2012 u fis-sena ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psrikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-mitkub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposisizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;
2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-

Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lil Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar, mill-Qorti kif diversament presjeduta;

Rat ukoll illi fl-istess seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonjiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, liema fedina penali ma kinitx wahda allarmanti u kienet tikkonsisti f'kundanna wahda dwar reati taht il-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset ukoll illi l-imputat kien minuri ta' sbatax-il sena fiz-zmien mertu tal-kaz u ghaldaqstant, japplikaw fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni bikrija f'dawn il-proceduri, madankollu, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u dan kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnu.[1] Jirrizulta minn din l-istqarrija, rilaxxjata fit-12 ta' Mejju 2012, wara li huwa nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket, izda dak li jghid jista' jingieb ghala prova u wara li rrifjuta li jezercita d-dritt tieghu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju, illi l-imputat ikkonferma illi l-hdax-il pakkett misjuba fil-kompartiment tal-vettura taz-ziju tieghu kienu tieghu u kkonferma wkoll illi huwa pprokura l-*mephedrone* lil zijuh fl-1 ta' Mejju 2012, waqt li kienu f'*party* gewwa Ta' Qali. Jghid li gieli xtara d-droga *mephedrone* ghal zijuh u li l-ahhar li kien ikkonsma minnha huwa stess kien fis-6 ta' Mejju 2012. Jghid illi huwa kien ilu jaghmel uzu mill-*mephedrone* matul dik l-ahhar sena, li kien jixtriha hmistax-il Euro il-pakkett li jkun fihom daqs il-pakketti li nstabulu u li l-pakkett roza bi tracci bojod li nstab fil-bieba tax-xufier ma kienx tieghu. Huwa jikkonferma li gieli biegh pakketti fil-*weekend* f'Paceville u li jbieghhom bil-prezz ta' ghoxrin Euro. Jghid li kien ilu jixtri pakketti tal-*mephedrone* xi sena, izda ma jbieghx regolarment u li meta shabu jistaqsuh, huwa jaghtihom xi wiehed l'hemm u l'hawn.

Qieset ukoll ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[2], mil-liema jirrizulta illi l-piz totali tas-sustanza kienet ta' 1.28 grammi. Il-Qorti qieset ghalhekk illi fil-waqt illi l-imputat kellu hdax-il pakkett b'sustanza illecita, fl-istess waqt il-piz tal-istess ma kienx wiehed kbir.

Ikkunsidrat ukoll ghal fini ta' piena, il-*Pre-Sentencing Report*[3] redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* fir-rigward tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi minhabba c-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-imputat u cioe` primarjament il-kumpanija li kien jaghmilha maghha, huwa qabad triq hazina fi stadju delikat ta' hajtu. Kien f'dan iz-zmien li huwa beda jaghmel uzu minn droga psikotroprika fil-*weekend* waqt li

---

[1] Din tinsab esebita a fol. 14 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 47 *et seq* tal-process.
[3] Esebit a fol. 71 *et seq* tal-process.

kien jiffrekwenta postijiet ta' divertiment. Jirrizulta wkoll mill-istess rapport illi l-imputat qata' mill-uzu ta' din is-sustanza, izda ghadu jabbuza mill-*cannabis* u fil-fatt test tal-urina li sar gewwa d-Dipartment tal-*Probation* u *Parole*, irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi lleciti tal-amfetamina, eroina u kokaina, fil-waqt li kien pozittiv ghall-*cannabis*. Minhabba l-vizzju tad-droga, l-imputat kien f'kuntatt mal-Agenzija Caritas ghal madwar sentejn bejn is-snin 2012 u 2014. Minn kuntatt li sar mal-*key worker* li kien qed isegwih, irrizulta illi l-imputat ma kellux problemi partikolari u l-uzu tas-sustanzi kien wiehed limitat u '*very contained*'. Fiz-zmien tal-kumpilazzjoni tal-istess rapport, l-imputat ma kienx ghadu qed jigi segwit minn professjonisti f'dan ir-rigward. Ukoll skond l-istess rapport, minn dak li qal l-imputat lill-Ufficjal tal-*Probation*, wara li sehh dan il-kaz, huwa fittex li jbiddel l-attegjament tieghu, waqaf mill-bejgh jew tqassim ta' sustanzi psikotropici lil shabu u qata' milli jiffrekwenta postijiet li jistghu jkunu ta' riskju ghalih. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Ufficjal tal-*Probation* irrakkomanda illi fil-waqt li l-imputat ghandu jinghata piena ta' prigunerija skont il-ligi, il-Qorti ghandha tiehu qies ukoll tal-fatt illi dan kien l-ewwel kaz ta' din ix-xorta tal-imputat u r-responsabilita` u l-maturita` li huwa qieghed juri.

Il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti jidhrilha illi piena ta' prigunerija fil-minimu taghha tkun wahda idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii), it-tieni proviso ghall-Artikolu 120A(2) u t-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikoli 17(h) u 37 tal-Kap. 9, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal **piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ossia l-ispejjez rigwardanti r-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn u sebghin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€270.57), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. NS3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-hati u dan stante li kien minuri fiz-zmien li huwa kkommetta r-reati odjerni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat